# MIN JARAH IGĦIDLI

Għajb mill-akbar li kien jista' jiġri lil tifel tal-iskola fejn kont immur biex indaħħal jew ideffsuli xi ftit għerf ġo fija, kien li jlibbsulec biċċa ta' ras ta' ħmar daqsiex ġewwa rasek u jqegħduk quddiem it-tfal kollha l-oħra. Ma ħalq il-ħmar kien hemm ganċ u miegħu kienu jdendlu biċċa karta li fuqha kienu jiktbu l-ħtija tiegħek, bħalli kieku: "Jiena kont pastas ħafna," jew "Jiena ma kontx naf il-lezjoni."

Billi ir-ras ma kellha l-ebda toqba anqas għal għajnejn il-ħmar, kif għandu l-ħmar meta jkun għada ħaj, dan l-imsejken imlibbes ma kien ikun jista' jara xejn x'inhu isir madwaru u fis-sajf kienet toqtlu bil-għomma. Ma għandniex x'ingħidu, ftit kienu dawk it-tfal li għaddew xi żmien ġo din l-iskola li qatt ma kellhom ideffsu ġo rashom din ir-ras ta' ħmar u ras ta' ħmar quddiem wiċċek kienet ħaġa ta' kull jum.

Meta ħriġt mill-iskola, bqajt dejjem inħares lejn kull ħmar li kont niltaqa' miegħu fit-trieq u bqajt inħobbu dan l-annimal ta' sabar hekk kbir; għax kien ifakkarni fid-daħk li konna nidħku b'dik l-imbierka ras.

Inħallikom taħsbu, mela, kemm għoġobni u kemm qrajtu bil-qalb ktieb li sibt fih dan il-kliem li ntqal bejn żewġt iħbieb. Wieħed minnhom kien għadu kemm jasal minn barra u qal lil ieħor.

"Jiena ngħidlek li f'ħajti dort u rajt biż-żejjed u kull ma hawn x'tara fid-dinja, kollox rajt."

"U jiena ngħidlek," qabeż l-ieħor "li qabel ma tara dak li għandi f'rasi jiena, ma tkun rajt xejn. Din hi ħaġa li la int u anqas ħadd li aħna nafu qatt ma rawha."

"U x'inhi din il-ħaġa hekk tal-għaġeb li, kif qiegħed tgħid int, ħadd ħadd ma raha. Jiena dort ħafna u ma nafx biex inti ħiereġ."

"U jiena ngħidlek li ma rajthiex. Ftit huma dawk in-nies fil-gżira tagħna li rawha?"

"Iva x'inhi? il-ġlekk ta' La Valette il-Birgu?"

"Le."

"Mela għidli x'inhi."

"Jena naqta' rasi taħt mannara li qatt ma rajt ħmar mejjet."

Il-ħabib ħakk rasu u niżżilha u baqa' sieket. Għax ma għandniex xi ngħidu qatt ma' kien ra ħmar mejjet, qatt ma kien ħaseb fih u issa beda jsaqsi lilu n-nifsu xi jsir minnhom il-ħmir il-mejta li ma jidhru qatt. Dan l-imsejken ħmar igħaddi ħajtu kollha jġorr, imżeblaħ u imsawwat u jidher kullimkien fejn hemm in-nies, imma fejn imur u x'jagħmlu bih meta tintemm il-ħajja tiegħu, ħadd ma jaf.

Ili ħafna snin li qrajtu dan il-ktieb u dejjem kelli xewqa kbira ħafna li qabel-ma mmut ikolli x-xorti li nara ħmar mejjet jew għall-inqas ħmara mejta. Ili ħafna snin nitħabat u għadu qatt ma nrexxieli, u anqas jiena ħmar mejjet għadni qatt ma rajt.

Għaldaqstant, nitlob lil kull minn jaqra dawn l-erba' kelmiet, li jekk qatt ikunu jafu fejn wieħed jista' jara ħmar mejjet, jibagħtu jgħiduli, ħalli mmur intih daqqa t'għajn sewwa. U ma hemmx bżonn ingħid li ħmara mejta, tgħodd ukoll.

Tancredi Paris